# Fis-Seklu Tmintax
# L-ISQOF ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TA' BORMLA

*(L-aħħar taqsima)*

TONY TERRIBILE

Din is-sena se naraw l-aħħar parti tal-Vista pastorali ta' l-Isqof Alpheran de Bussan li tmur lura lejn is-sena 1751.

Fl-aħħar jiem ta' Ottubru ta' dik is-sena dan l-Isqof reġa' kien fil-Parroċċa ta' Bormla u fis-sitta u għoxrin tax-xahar iltaqa' mal-kleru ta' din il-Belt. Il-lista tiġbor fiha 73 qassis, immexxija mill-kappillan Dun Ġwann Battista Crispo.

F'din il-lista twila ta' qassisin jolqtuk il-kunjomijiet ta' xi wħud minnhom, bħal ma' kien ta' Dun Franġisk Signorello, ta' Dun Ġużepp Mangaro, ta' Dun Mikelanġ Vallona, u ta' Dun Ġwann Battista Pudixi, ta' Dun Marċell Veneziano, ta' Dun Andrea Lacorbe, ta' Dun Rafel Lagusi, ta' Dun Ġwann Battista Gandolfo u ta' Dun Ġużepp Desala.

Barra dawn it-tlieta u sebgħin qassis, f'Bormla kien hemm ukoll żewġ djakni, Dun Ġwann Battista Tortella u Dun Beninju Mifsud, filwaqt li Lawrenz Zammit u Mattia Denari kienu suddjakni. Kien hemm ukoll għaxar kjeriċi li kellhom l-ordnijiet minuri ta' l-akkolitat u l-Ostorjat.



*L-arma ta' l-Isqof Alpheran de Bussan taħt is-Salib, li tinsab fil-faċċata tal-portoku ta' l-Oratorju tal-Kruċifiss, Bormla.*

Għaxar Bormliżi sekulari kellhom it-tonsura. Wieħed minnhom, Ġużeppi Demarco, kien tabib.

Dawn kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa ma' l-Isqof, iżda Dun Ġwann Marija Calleja, Dun Pupull Barbara u Dun Alwiġ Hebeyer ma kienux preżenti u għalhekk f'din il-lista,ħdejn isimhom tniżżel *'In absentia'*.

Skond ir-riti tal-Visti Pastorali ta' dawk iż-żminijiet, kull qassis ippreżenta lill-Isqof il-paġelli ta' l-Ordinazzjonijiet flimkien ma' kopji marbuta mal-benefizzji li kienu qed igawdu. F'din l-okkażjoni, l-isqof permezz ta' xi mistoqsijiet, eżamina fuq punti dottrinali lil kull saċerdot li kien qed iservi fil-Parroċċa ta' Bormla.

F'din il-laqgħa l-Isqof Alpheran de Bussan qara lil dawn il-qassisin lista twila ta' disgħa u għoxrin regolament marbuta mad-dmirijiet tagħhom. Il-lista hi dettaljata ħafna. Fiha l-Isqof Alpheran jagħfas ħafna fuq regolamenti u dixxiplina marbuta ma' l-amministrazzjoni tas-sagramenti, mad-dmirijiet tar-reċita ta' l-uffizzju divin, ma' l-attendenza għall-quddies kantat u purċissjonijiet, ma' l-attendenza għal-laqgħat tal-każi morali, mal-ħarsien tal-legati mħollija f'idejhom u tant dettalji oħra, li fihom l-Isqof Alpheran ra l-qassis tajjeb.

Wara, l-istess isqof ikkonferma dawn il-ħidmiet fil-Parroċċa ta' Bormla. Bħala ċerimonjier ġie magħżul Dun Ġużepp Farrugia, u Dun Salv Bonnici sar is-surmast taċ-ċerimonji.

Dun Feliċjan Farrugia nħatar surmast tal-kant u Dun Ġakbu Tortella nħatar puntatur u responsabbli tat-Tqarbin.

Bħala sagristan maġġur inħatar Dun Franġisk Rizzo, u l-organista tal-Parroċċa kien Dun Fortunat Demarco.

Il-knisja kellha erba' prokuraturi responsabbli tagħha, li kienu Dun Ġużepp Demarco, Dun Feliċjan Farrugia, in-nutar Pietru Pawl Saliba u Dun Santin Cachia.

Il-Parroċċa kellha wkoll prokura speċjali marbuta mal-Vjatku tal-morda. Il-fratelli Ġakbu Zammit u Pietru Calleja flimkien ma' Dun Ġwann Battista Caruana u Dun Ġużepp Farrugia kienu l-prokuraturi tal-Vjatku.

Is-Sodalità ta' l-Agunija kellha żewġ prokuraturi, lil Dun Ġwann Dumink Pace u lin-nutar Pietru Pawl Saliba.



*L-arma tal-Kolleġġjata*

L-altari laterali tal-knisja kellhom ukoll il-prokuraturi tagħhom.

Għall-altar ta' Sant'Andrija nsibu lil Dun Mikelanġ Abela u lil Franġisk Tripoli u Dun Ġwann Battista Falzon kien il-prokuratur ta' l-altar ta' San Dimitri.

Dun Ġwann Barbara kien il-prokuratur ta' l-altar ta' San Kristofru. Il-prokuratur ta' l-altar ta' San Mark kien Dun Alessandro Cassar, filwaqt li l-altar ta' San Ġwann l-Evanġelista kellu lil Dun Ġużepp Fiteni. Permezz tar-rapport ta' din il-vista, li rajna flimkien f'dawn l-aħħar snin, wieħed jista' jieħu l-aħjar u l-aqwa idea ta' kif kienet il-knisja ta' Bormla u t-tmexxija tagħha fis-sena 1751.


**Camelcold** IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF DOMESTIC APPLIANCES

**IMPORTERS & MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION**

9, HOMPESCH ROAD, FGURA.
TEL: 806402/4 FAX: 806403 e-mail: camelcold@digigate.net

Ġejt bżonn ta' xi appliance għad-dar tiegħek?

Żur lil Camelcold, ta' triq Hompesch il-Fgura.

Għand il-Camelcold issibu fridges, freezers, automatic washing machines eċċ. Jibdew minn sentejn garanzija fuq parts + labour tal-marka Riber u d-ditta rinomata Rex u diversi oħrajn.

Għaddu sax-Showroom ta' triq Hompesch il-Fgura jew ċemplu u tinqdew żgur.

Camelcold joffru wkoll servizz ta' tiswijiet fuq kull tip ta' appliances kemm domestiċi kif ukoll industrijali.

**Camelcold jawguraw il-Milied u s-sena t-tajba lil kulħadd.**